

It-Tlieta, 12 ta' Diċembru 2006

P6_TA(2006)0535

Prevenzjoni, kontroll u qerda ta' ċerti enċifalopatiji sponġiformi trasmissibbli ***II

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 999/2001 li jstabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u qerda ta' ċerti enċifalopatiji sponġiformi trasmissibbli (14224/4/2006 – C6-0432/2006 – 2004/0270B(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (14224/4/2006 — C6-0432/2006) ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ⁽²⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2004)0775) ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0445/2006),
1. Japprova l-pożizzjoni komuni;
 2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni komuni;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skond l-Artikolu 254(1) tat-Trattat KE;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju-Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni ta' l-att fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

⁽²⁾ Testi adottati, 17.5.2006, P6_TA(2006)0212.

⁽³⁾ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

P6_TA(2006)0536

Data statistika dwar żbark ta' prodotti tas-sajd ***II

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni ta' data ta' l-istatistika dwar l-iżbark ta' prodotti tas-sajd fl-istati membri u li tħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1382/91 (14283/1/2006 — C6-0421/2006 — 2005/0223(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (14283/1/2006 — C6-0421/2006),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ⁽¹⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2005)0566) ⁽²⁾,

⁽¹⁾ Testi Adottati, 15.6.2006, P6_TA(2006)0264.

⁽²⁾ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.